

MT

MT

MT



II-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 10.3.2011
KUMM(2011) 114 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL EWROPEW

Rapport dwar l-Ostakoli għall-Kummerċ u l-Investiment 2011

**Nimpenjaw lill-imsieħba ekonomiċi strateġiċi tagħna fuq l-aċċess imtejjeb għas-suq:
Prijoritajiet għall-azzjoni dwar it-tneħħija tal-ostakoli għall-kummerċ**

SEG(2011) 298 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL EWROPEW

Rapport dwar l-Ostakoli għall-Kummerċ u l-Investment 2011

Nimpenjaw lill-imsieħba ekonomiċi strateġiċi tagħna fuq l-aċċess imtejjeb għas-suq: Prijaritajiet għall-azzjoni dwar it-tneħħija tal-ostakoli għall-kummerċ

1. INTRODUZZJONI

Bħala l-akbar blokk kummerċjali fid-dinja u bħala s-sors u d-destinazzjoni l-aktar importanti tal-investment dirett barrani, l-UE għandha interess inerenti li tiżgura sistema ta' kummerċ globali miftuħa u ġusta. L-interess jista' biss jikber fis-snin li ġejjin – sal-2015, 90 % tat-tkabbir dinji għandu jiġi ġġenerat barra mill-Ewropa. L-ekonomija Ewropea teħtieġ taħtaf l-opportunità tal-livelli oġġla ta' tkabbir ta' pajjiżi barranin, b'mod partikolari fl-Asja.

Messaġġ ewlieni tal-istrateġija ġdida tal-kummerċ tal-UE¹ huwa li b'mod parallel mal-aġenda tan-negozjar, il-politika tal-kummerċ riveduta tagħna trid tieħu approċċ iżjed assertiv, mhux l-inqas biex jiġi żgurat li l-kumpaniji Ewropej ma jkunux imċahda minn opportunitajiet ta' aċċess għas-suq leġittimi u li d-drittijiet tagħna jiġu infurzati kif xieraq sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet indaqs. Il-Kummissjoni għandha tkun iffukata u iebsa fl-insewiment ta' din l-aġenda. Il-Kummissjoni hija determinata wkoll li tkompli l-ġlieda kontra l-protezzjoniżmu. Tabilħaqq, hija preċiżament minħabba li l-UE temmen fil-benefiċċji ta' swieq miftuħa lokament u barra li l-UE trid timpenja lill-imsieħba tagħha biex jagħmlu sforz daqsha, fi spirtu ta' reċiproċità u benefiċċju reċiproku².

Li tgħin lill-kumpaniji Ewropej jiksbu aċċess għas-swieq ta' pajjiżi terzi kien u jibqa' element essenzjali tal-politika kummerċjali tal-UE, iżda l-UE trid iżżid l-isforzi tagħha. Huwa stabbilit sew li l-isfida ewlenija llum għall-politika kummerċjali ma tinstabx primarjament fit-tnaqqis tat-tariffi għall-prodotti, iżda fil-bżonn li jingħelbu l-ostakoli regolatorji, jinkiseb aċċess aħjar għas-suq għas-servizzi u l-investment, jinfetħu s-swieq tal-akkwisti pubbliċi, jiġu protetti u infurzati aħjar id-Drittijiet tal-Proprietà Intellettwali (IPR), u jiġu indirizzati l-ostakoli mhux ġustifikati li qed ifixklu l-provvista sostenibbli tal-materji primi. B'mod aktar ġenerali, teħtieġ tiżgura li l-kummerċ jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli, b'kunsiderazzjoni tal-impatti soċjali tal-ostakoli għall-kummerċ. L-istudji juru li l-Prodott Domestiku Gross (PDG) tal-UE jista' jingħata spinta b'aktar minn nofs perċentwal jekk nikkompletaw l-aġenda ta' negozjar bilaterali u multilaterali tagħna³. Madankollu, din il-figura tista' tirdoppja jekk l-UE tagħmel progress reali fuq l-ostakoli mhux tariffarji (non-tariff barriers - NTBs) u kwistjonijiet regolatorji mal-imsieħba kummerċjali ewlenin tagħha bħall-Amerika u ċ-Ċina⁴. Il-politika kummerċjali tista' u għandha tagħmel kontribuzzjoni kbira lix-xogħol u t-tkabbir.

¹ Kummerċ, Tkabbir u Affarijiet Dinjija, COM (2010) 612, 9.11.2010.

² Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, is-16 ta' Settembru 2010.

³ Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "*Il-Kummerċ bħala Impetu għall-Prospertà*" li jakkompanja l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Kummerċ, Tkabbir u Affarijiet Dinjija"; http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2010/november/tradoc_146940.pdf

⁴ Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "*Il-Kummerċ bħala Impetu għall-Prospertà*", ara n-nota 3 fil-qiegħ tal-paġna, paġna 9. http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2010/november/tradoc_146940.pdf

L-Istrateġija għall-Aċċess għas-Swieq⁵ hija element ewlieni tal-attivitajiet tagħna ta' infurzar biex niżguraw li l-ftehimiet kummerċjali jiġu tradotti effettivament f'benefiċċji reali kummerċjali. Qed tingħata attenzjoni partikolari lill-azzjonijiet preventivi, inkluż permezz tal-użu ta' mekkaniżmi ta' twissija bikrija kif stipulat fil-ftehimiet tal-WTO fuq Barrieri Tekniċi għall-Kummerċ u Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji. Il-Kummissjoni hija determinata tkompli tiżviluppa l-mod ta' ħidma ġdid u kollaborattiv tagħha mal-Istati Membri u n-negozji biex tittratta l-ostakoli fis-swieq ta' pajjiżi terzi, u biex tagħmel it-tneħħija tal-ostakoli l-bażi tar-relazzjonijiet tagħna ma' pajjiżi terzi, inkluż fl-ogħla livell. Fil-fehma tal-Kummissjoni, il-kwistjonijiet tal-aċċess għas-swieq għandhom jiffurmaw parti importanti mid-diskussjonijiet li għaddejjin fil-Kunsill Ewropew fuq it-titjib tas-sħubiji ekonomiċi strateġiċi tagħna billi nistabbilixxu l-prijoritajiet, nissimplifikaw l-istrumenti differenti u nikkoordinaw il-messaġġi tagħna sabiex nippromwovu b'mod aktar effettiv l-interessi tal-UE lil hinn minnha. Huwa tajjeb ukoll li nirriflettu fuq il-prijoritajiet issa li s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna qed isir operattiv.

Dan huwa l-ewwel rapport annwali lill-Kunsill Ewropew dwar l-ostakoli għall-kummerċ u l-investment f'pajjiżi terzi, kif imħabbar għall-ewwel darba fl-Istrateġija Ewropa 2020⁶. Dan jipprovdi opportunità biex l-attenzjoni tiġi ffukata fuq l-isforzi komuni meħtieġa fuq sett magħżul ta' ostakoli għall-aċċess għas-swieq inklużi miżuri 'lil hinn mill-konfini' u Prattiki ta' politika industrijali⁷. Tabilħaqq, qed jerġa' jitfaċċa interess sinifikanti fil-politika industrijali fost l-imsieħba kummerċjali ewlenin tal-UE. Din kultant tinkludi Prattiki bħall-promozzjoni attiva ta' 'kampjuni nazzjonali' li tista' tkun ta' detriment għall-interessi tal-UE.

L-ostakoli magħżula huma dawk ta' importanza ekonomika u/jew sistematika kbira għan-negozju Ewropew fis-swieq ta' ċerti msieħba strateġiċi. Dan jinkludi wkoll restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni għall-materji primi li strettament mhumieq ostakoli għall-"aċċess għas-swieq", iżda huma daqstant ta' dannu għall-kumpaniji Ewropej, b'mod partikolari għall-produtturi downstream Ewropej li jinkorporaw il-materji primi fil-prodotti lesti li jesportaw. Dan ir-Rapport għandu jgħin jiffoka d-diskussjonijiet fil-Kunsill Ewropew fuq il-prijoritajiet tal-aċċess għas-suq kondivż, biex jintuża l-potenzjal sħiħ tas-saħħa kombinata tal-UE, u jgħib benefiċċji diretti f'termini ta' tkabbir u xogħol fl-Unjoni Ewropea.

2. OSTAKOLI SINIFIKANTI FIR-RELAZZJONIJIET TAGĦNA MAL-IMSIEĦBA STRATEĠIĊI

Dan ir-rapport jiffoka fuq l-ostakoli li huma ta' importanza ekonomika u/jew sistematika kbira għan-negozju Ewropew fis-swieq ta' wħud mill-imsieħba strateġiċi tagħna – iċ-Ċina, l-Indja, il-Ġappun, il-Brażil/l-Arġentina (dan il-grupp tal-aħħar huwa minħabba d-dimensjoni Mercosur), ir-Russja u l-Amerika. Fl-2009, il-kummerċ ma' dawn l-imsieħba rrappreżenta 45 % tal-kummerċ tagħna fi prodotti u servizzi kummerċjali (bl-Istati Uniti jammontaw għal 19 % u iċ-Ċina għal 10 %) u 41 % tal-flussi ta' investment dirett barrani (IDB) tagħna⁸ (bl-Istati Uniti waħedhom jammontaw għal 35 %). Minħabba li l-UE fil-preżent mhux qed tinneogzja ftehimiet ta' kummerċ ħieles bilaterali ma' erba' mis-sitt msieħba, approċċ komuni rinfurzat lejn dawn il-pajjiżi huwa saħansitra aktar importanti.

⁵ COM (2007) 803, 11.12.200.

⁶ COM(2010) 2020, 03.03.2010.

⁷ Għal aktar informazzjoni dwar il-Prattiki politiċi industrijali ara "*Politika industrijali integrata għall-era tal-globalizzazzjoni*", COM(2010)614, 28.10.2010.

⁸ Fl-2009, l-Unjoni Ewropea kella diżinvestment żgħir fil-Ġappun.

L-attenzjoni tar-rapport fuq dawn l-imsieħba strateġiċi ma tfissirx, ovvjament, li l-Kummissjoni qed tnaqqas l-importanza tal-ostakoli fi swieq oħra importanti u ħafna drabi emerġenti, bħall-pajjiżi tal-ASEAN, il-pajjiżi tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf, il-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar jew tal-Lvant, jew imsieħba oħra strateġiċi bħall-Messiku u l-Afrika t'Isfel pereżempju. Id-dokument ta' Ħidma tal-Persunal anness jikkomplementa dan ir-rapport billi jagħti iżjed dettalji dwar l-isforzi li saru u l-azzjonijiet previsti sabiex jiġu indirizzati l-ostakoli identifikati fil-kuntest usa' tat-32 suq ta' esportazzjoni ta' prijetà.

L-għażla tal-ostakoli speċifiċi kienet ibbażata fuq valutazzjonijiet konġunti riċenti tas-sitwazzjoni fis-seba' pajjiżi konċernati, bħall-eżerċizzju fuq l-ostakoli prinċipali li twettaq fl-2009/2010 fuq talba tal-Kunsill⁹, li wassal għall-prijoritizzazzjoni ta' 205 ostakolu għal 32 suq, u l-monitoraġġ kontinwu tal-miżuri protezzjonisti introdotti wara l-kriżi reċenti ekonomika u finanzjarja¹⁰.

2.1. Iċ-Ċina

Iċ-Ċina hija t-tieni l-akbar sieħeb kummerċjali tal-UE filwaqt li l-UE hija l-aktar sieħeb kummerċjali taċ-Ċina. Iċ-Ċina mhux biss hija sors ta' oġġetti tal-konsumaturi bi prezz baxx, iżda wkoll ta' fatturi produttivi prinċipali għall-industrija tal-manifattura tagħna. Minkejja l-iżbilanċ kummerċjali bilaterali importanti tagħna, iċ-Ċina saret is-suq li qed jikber l-aktar malajr għall-esportazzjonijiet tagħna ta' oġġetti u servizzi u destinazzjoni importanti għall-investiment tal-UE. L-UE esportat oġġetti b'valur ta' EUR 82 biljun liċ-Ċina fl-2009 – minkejja l-kriżi, xorta b'żieda ta' 4 % paragunat mal-2008, u sal-aħħar ta' Ottubru 2010, l-esportazzjonijiet tagħna kienu żdiedu bi 38 % fuq bażi ta' sena wara sena. B'mod ġenerali, l-esportazzjonijiet mill-UE liċ-Ċina aktar milli rdoppjaw (121 %) bejn l-2005 (l-ewwel 11-il xahar) u l-2010 (l-ewwel 11-il xahar). Madankollu, dan il-livell ta' esportazzjonijiet tal-UE għadu taħt il-potenzjal, u aċċess aħjar għas-swieq għandu jippermetti lill-esportaturi u lill-investituri tal-UE li jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku fenomenali taċ-Ċina u jipparteċipaw bis-sħiħ fih.

Għaxar snin wara l-adeżjoni mal-WTO, iċ-Ċina għad trid ittejjeb ir-rekord tagħha fl-implimentazzjoni tal-prinċipji prinċipali tal-WTO ta' nuqqas ta' diskriminazzjoni, trasparenza u trattament nazzjonali. Ostakoli importanti għall-aċċess għas-suq jippersistu fl-istandardizzazzjoni u r-regolamenti tekniċi kif ukoll fis-servizzi, fl-investiment u fl-akkwist pubbliku. Infurzar insuffiċjenti tad-DPI u proċeduri ta' ċertifikazzjoni peżanti jkomplu jqajmu tħassib enormi. Tħassib sottostanti u li qed jikber huwa li iċ-Ċina tidher li żviluppat miżuri ta' politika industrijali intervenzjonista bil-għan tas-sostituzzjoni tal-importazzjoni, trasferiment sfurzat ta' teknoloġija u l-għoti ta' aċċess preferenzjali għall-materji primi lill-produtturi lokali. Dan jinkludi sussidji industrijali bħal self preferenzjali minn banek tal-istat, għotjiet ta' art, prezzijiet preferenzjali għall-fatturi produttivi (enerġija) u krediti tal-esportazzjoni.

L-ostakoli li ġejjin ġew identifikati bħala kwistjonijiet ta' prijetà għall-operaturi tal-UE:

1) Fil-qasam tal-**materji primi** iċ-Ċina issa qed tirrikorri sistematikament għal miżuri ta' restrizzjoni tas-suq bħal dazji u kwoti fuq l-esportazzjoni. Fl-2009, dawn ir-restrizzjonijiet affettwaw l-importazzjonijiet tal-UE tal-materji primi miċ-Ċina b'valur ta' madwar

⁹ Konklużjonijiet tal-Kunsill (KAĠRE) tat-8 ta' Diċembru 2008, Doc. 16198/08.

¹⁰ Ara, pereżempju, DG Kummerċ, "*Seventh Report on potentially trade restrictive measures*" ("Is-Seba' Rapport dwar miżuri potenzjalment restrittivi għall-kummerċ"), Novembru 2010; http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2010/october/tradoc_146796.pdf

EUR 1,2 biljun, li ammontaw għal 6 % tal-importazzjoni totali tal-UE ta' dawn il-prodotti. 59 % tal-importazzjonijiet Ċiniżi affettwati minn dawn il-miżuri kienu materji primi industrijali. Dawn l-ostakoli għall-kummerċ huma partikolarment problematiċi f'ambjent globali fejn ebda sors alternattiv ta' provvista jew materja prima ta' sostituzzjoni ma huma disponibbli fil-pront. Il-kwistjonijiet reċenti relatati mal-kummerċ fir-**rare earths** huma eżempju impressjonanti tal-problema. L-ostakoli eżistenti fiċ-Ċina li jikkonċernaw ir-rare earths affettwaw 62 % tal-importazzjoni totali tal-UE ta' dawn it-tipi ta' rare earths fl-2009¹¹. It-tnaqqis fil-kwoti tal-esportazzjoni miċ-Ċina tar-rare earths irriżulta f'nuqqasijiet sinifikanti fis-suq u żidiet sostanzjali fil-prezzijiet, b'impatt konsiderevoli fuq l-ispejjeż tal-produzzjoni ta' applikazzjonijiet ibbażati fuq ir-rare earths. Il-prezzijiet tar-rare earths żiedu sa 500 % u huma previsti li se jiżiedu aktar b'riżultat tal-aħħar tnaqqis fil-kwoti tal-esportazzjoni. L-industrija tal-UE tuża r-rare earths f'firxa dejjem iżjed vasta ta' applikazzjonijiet downstream, fejn l-użi ewlenin huma l-konvertituri katalitiċi għall-karozzi, fis-settur tal-ICT (eż. fil-bordijiet taċ-ċirkwiti stampati, għall-fibri ottiċi u s-semikondutturi), il-lampi bbażati fuq il-fosfru, kalamiti permanenti b'saħħithom (użati pereżempju fil-karozzi elettriċi jew fit-turbini tar-riħ), il-ħġieġ ta' teknoloġija avvanzata u ċ-ċeramiki. Ir-riskji għall-iżvilupp kurrenti u b'mod speċjali dak futur tal-ekonomija Ewropea għaldaqstant huma għoljin.

2) Tħassib ewlieni fir-rigward tal-**akkwist pubbliku** kif ukoll tal-**proprietà intellettwali** hija l-politika tal-**“innovazzjoni indiġena”** li għandha l-għan li tappoġġja l-impriżi Ċiniżi biex jitlej fuq fil-katina tal-valur. Dan huwa tħassib serju għall-kumpaniji Ewropej li jixtiequ jesportaw mill-UE jew li diġà joperaw fiċ-Ċina. Fil-passat, din il-politika fixklet b'mod sever l-aċċess għall-akkwist Ċiniż f'numru vast ta' setturi tal-innovazzjoni mit-teknoloġija ekoloġika għat-telekomunikazzjonijiet bil-ħtieġa li l-kumpaniji barranin jirreġistraw id-DPI tagħhom fiċ-Ċina. Abbozzi ta' regoli jeħtieġu ukoll lill-applikanti li jiżvelaw informazzjoni kummerċjalment sensittiva relatata mal-innovazzjoni u d-DPI.

Madankollu, id-Djalogu Ekonomiku u Kummerċjali ta' Livell Għoli l-aktar reċenti, il-gvern Ċiniż ta' assigurazzjonijiet li mhuwiex se jitratta l-prodotti u s-servizzi b'mod differenti abbażi ta' fejn huma rreġistrati l-privattivi, jew jaddotta jew iżomm miżuri li jagħmlu l-orijini tal-iżvilupp jew tas-sjieda tal-proprietà intellettwali kundizzjoni għall-preferenzi tal-akkwist tal-gvern. Il-Kummissjoni laqgħat din it-tħabbira iżda se tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni tal-miżuri, inkluż fil-livell provinċjali, sabiex tistabbilixxi kundizzjonijiet indaqs bejn kumpaniji domestiċi b'investiment barrani stabbiliti fiċ-Ċina, u kumpaniji barranin.

B'mod aktar ġenerali, il-qafas Ċiniż tal-akkwisti għadu mhux komplut u mhux trasparenti. Riforzi kbar huma meħtieġa sabiex jiġi żgurat li l-konformità mal-istandards internazzjonali u ambjent prevedibbli għall-offerenti. L-adeżjoni taċ-Ċina mal-GPA hija strumentali biex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

Fil-qasam usa' tad-DPI, l-aċċess għas-sistema Ċiniża ta' nfurzar tad-DPI għadu diffiċli għan-negożji barranin, b'mod partikolari dawk li joperaw fis-setturi kreattivi u innovattivi. Dawn huma żvantaġġjati bir-reqwiziti ta' formalitajiet aktar stretti li japplikaw għalihom. B'mod partikolari, ir-reqwiziti tal-leġiżlazzjoni u tan-notarizzazzjoni għall-Prokura u l-evidenza li trid tiġi minn barra huma ta' piż u għaljin, u dawn jipprevjenu lill-operaturi barranin milli jiddefendu d-drittijiet tagħhom fil-qorti u l-awtoritajiet amministrattivi f'mod effettiv. Barra minn hekk, il-mandati interim huma diffiċli li jinkisbu fil-prattika u l-kompens mogħti mill-qorti jibqa' baxx wisq.

¹¹ Definizzjoni ta' rare earths bħala metalli tar-rare earth, skandju u ittriju (HS 280530), komposti taċ-ċerju (HS 284610), u komposti ta' metalli tar-rare earth (HS 284690).

3) Iċ-Ċina qed timponi dejjem aktar rekwiżiti għall-konformità ma' standards **speċifiċi Ċiniżi u proċeduri relatati peżanti ta' ttestjar u ċertifikazzjoni ta' partijiet terzi**. Tali rekwiżiti ħafna drabi jikkonfliġġu ma' standards u prattiki internazzjonali, li jpoġġu n-negozji barranin fi żvantaġġ. Eżempju sinifikanti huwa s-**settur tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT)** fejn il-kumplessità ġenerali u n-nuqqas ta' trasparenza tal-prattiki ta' valutazzjoni regolatorji u ta' konformità Ċiniżi jikkontribwixxu għal ambjent tan-negozju dejjem aktar imprevedibbli u problemi serji ta' aċċess għas-suq għal kumpaniji barranin u b'investiment barrani.

4) Fir-rigward tal-**investiment**, il-flussi kurrenti juru potenzjal vast mhux sfruttat. Għalkemm il-kumpaniji Ewropej investew iktar minn EUR 5 biljuni fiċ-Ċina fl-2009, dan huwa anqas minn 3 % tal-ħruġ ta' investiment totali. Il-klima ta' investiment kurrenti fiċ-Ċina hija mfixkla b'nuqqas ta' trasparenza u prevedibilità. Barra minn hekk, ir-regolamenti Ċiniżi, b'mod partikolari fis-settur tal-enerġija (fuq ir-rekwiżit ta' kwalifikazzjoni, l-aċċess ristrett għal proġetti ta' konċessjoni u r-rekwiżiti ta' assemblaġġ), jipprevjenu lill-kumpaniji tal-enerġija tal-UE milli jkollhom aċċess sħiħ għas-suq Ċiniż, speċjalment fis-settur tal-enerġija rinnovabbli.

Barra minn hekk, kif evidenzjat bl-hekk imsejjaħ "katalgu ta' investiment", numru ta' setturi importanti jibqgħu magħluqin għall-investiment barrani fiċ-Ċina, jew l-aċċess huwa limitat permezz ta' impriżi konġunti, limiti fuq l-ekwità, limiti fuq in-numru ta' stabbilimenti eċċ. Permezz tal-impatt kombinat ta' miżuri differenti, iċ-Ċina tuża r-reġim ta' investiment tagħha bħala għodda biex tmexxi l-iżvilupp ekonomiku tagħha, b'mod partikolari billi tiffavorixxi l-kumpaniji lokali permezz tat-trasferiment tat-teknoloġija u tal-kompetenzi. Dan huwa tħassib serju għall-kumpaniji Ewropej li jixtiequ jinvestu fiċ-Ċina. Ir-reviżjoni li jmiss tal-katalgu ta' investiment tipprovdi opportunità tajba biex jingħata messaġġ ċar lill-awtoritajiet Ċiniżi dwar il-ħtieġa għal klima ta' investiment fiċ-Ċina verament miftuħa u mhux diskriminatorja.

2.2. L-Indja

L-Indja hija sieħeb kummerċjali importanti għall-UE u potenza ekonomika li dejjem qed tikber. B'rata tat-tkabbir ta' bejn 8 u 10 % kull sena, din hija waħda mill-ekonomiji li qed jikbru l-aktar malajr fid-dinja. Id-dħul per capita aktar milli rdoppja matul il-perjodu 1990-2005. B'mod parallel, f'erba' snin biss, il-kummerċ bejn l-UE u l-Indja żdied b'31 % sa aktar minn EUR 53 biljun fl-2009 u l-investiment tal-UE fl-Indja aktar milli kkwadruplika mill-2003 għal EUR 3,1 biljun fl-2009.

Madankollu, ir-reġim kummerċjali u l-ambjent regolatorju tal-Indja jibqgħu komparattivament restrittivi¹². Minbarra l-ostakoli ta' tariffi għoljin, l-Indja timponi wkoll numru ta' ostakoli mhux tariffarji fil-forma ta' restrizzjonijiet kwantitattivi, liċenzjar għall-importazzjoni, ittestjar obbligatorju peżanti (bħal pereżempju fil-każ tat-tajers) u ċertifikazzjoni għal numru kbir ta' prodotti kif ukoll proċeduri tad-dwana kumplikati u dewwiema. Fir-rigward tal-proprjetà intellettuali, ġie rappurtat xi titjib fl-infrastruttura ta' nfurzar tad-DPI, madankollu għad hemm tħassib sinifikanti dwar ir-reazzjoni tal-Indja għall-falsifikazzjoni u l-piraterija. Barra minn hekk, fil-qasam tal-akkwist, il-qafas leġislativ Indjan għaduu mhux komplut. Riformi kbar huma meħtieġa sabiex jiġu żgurati l-konformità mal-istandards internazzjonali u ambjent prevedibbli għall-offerenti.

¹² FI-2008 l-Bank Dinji kklassifika l-Indja 120 (minn 178) f'termini ta' "faċilità biex tagħmel negozju".

Il-prestazzjoni kurrenti kummerċjali bejn l-UE u l-Indja hija ta' diżappunt paragonata mal-potenzjal tagħha. Il-ftehim komprensiv u ambizzjuż ta' kummerċ ħieles mal-Indja li qed jiġi negozjat jista' jikkostitwixxi wieħed mill-ftehimiet l-aktar sinifikanti konklużi mill-UE. Ftehim kummerċjali ta' dan il-kobor jista' jiġġenera benefiċċji kbar liż-żewġ ekonomiji li l-istimi konservattivi jpoġġu fil-medda ta' EUR 9 - EUR 19-il biljun.

L-ostakoli li ġejjin huma tfixkil sinifikanti għall-kummerċ mal-Indja li jeħtieġu soluzzjoni:

1) **Rekwiżiti ta' liċenzjar peżanti relatati** mad-dispożizzjonijiet ġodda ta' sigurtà ġew proposti li se jaffettwaw, jekk jiġu implimentati bi sħiħ, l-aċċess tal-operaturi Ewropej għall-akkwist kummerċjali tat-**telekomunikazzjonijiet**. Id-dispożizzjonijiet jistipulaw approvazzjoni tas-sigurtà preċedenti u rekwiżiti ta' trasferiment tat-teknoloġija, kif ukoll obbligu li l-inġiniera barranin jiġu sostitwiti b'dawk Indjani. Tali rekwiżiti huma mingħajr preċedent internazzjonalment, u jistgħu jagħmlu ħsara lill-investiment fl-Indja. Fl-2009, l-UE esportat tagħmir tat-telekomunikazzjoni b'valur ta' EUR 1 biljun lill-Indja.

2) Kwistjoni oħra topika tal-kummerċ tikkonċerna l-miżuri reċenti tal-Indja li **jirrestrinġu l-esportazzjonijiet tal-qoton**. Mill-2004 sal-2009 l-importazzjonijiet tal-qoton tal-UE żdiedu bi 17 %. Ħafna prodotti tal-qoton qed jiffaċċjaw restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni fl-Indja¹³. Għalkemm l-importazzjonijiet totali tal-UE ta' dawn il-prodotti tal-qoton esperjenzaw tnaqqis ta' 48 % matul il-perjodu ta' ħames snin, miżuri reċenti fuq dawn l-oġġetti huma importanti għaliex 23 % tal-importazzjonijiet tal-UE ta' dawn it-tipi ta' prodotti tal-qoton ġew mill-Indja fl-2009. Barra minn hekk, bħala t-tieni l-akbar produttur tal-qoton fid-dinja (20 % tal-produzzjoni globali) u l-uniku esportatur nett globali tal-qoton, il-politika tal-Indja għandha impatt sinifikanti fuq il-provvista globali tal-qoton u għalhekk fuq il-prezzijiet, li taggrava t-tluġ fil-prezzijiet globali. L-industrija Ewropea għalhekk qed tiffaċċja prezzijiet għoljin ħafna u nuqqas fil-provvista, għaliex l-Indja hija s-sors ewlieni tal-importazzjonijiet tal-UE għall-prodotti tal-qoton.

3) Barra minn hekk, il-politika tal-**investiment** tal-Indja tkompli tostakola l-investimenti barranin. Ħafna setturi ekonomiċi importanti bħall-bejgħ fil-livell tal-konsumatur ta' marki kummerċjali multipli għadhom magħluqin għall-investiment barrani u ġiet adottata serje ta' miżuri sabiex jikkontrollaw il-flussi tal-kapital barrani u jiżguraw il-benefiċċju massimu għall-kumpaniji lokali permezz tat-trasferiment tat-teknoloġija u tal-kompetenzi.

4) Fl-aħħar, **ir-rekwiżiti Sanitarji u Fitosanitarji (SPS) tal-importazzjoni** li jmorru lil hinn mill-istandards internazzjonali mingħajr ġustifikazzjoni xjentifika jostakolaw esportazzjonijiet varji tal-UE, l-aktar tat-tjur, tal-laħam tal-majjal, tal-ħxejjex, tal-frott u tal-injam.

2.3. Il-Ġappun

Bħala ekonomija żviluppata ħafna u operatur tas-suq u investitur globali ewlieni, il-Ġappun diġà huwa sieħeb importanti għall-UE filwaqt li għadu joffri opportunitajiet oħra ta' kummerċ ta' potenzjal għoli. B'sehem ta' kważi 4 % tal-esportazzjonijiet tal-UE ta' prodotti u servizzi fl-2009, il-Ġappun huwa s-seba' l-akbar suq tal-esportazzjoni tal-UE. Madankollu, matul il-perjodu 2005-2009, l-esportazzjoni ta' prodotti mill-UE lill-Ġappun naqset bi kważi medja ta' 6 % fis-sena. Il-fatt li l-eċċess tal-kummerċ Ġappuniż baqa' għoli huwa parzjalment riflessjoni ta' problemi kontinwi ta' aċċess għas-suq għall-impriżi barranin fil-Ġappun.

¹³ Kodiċi HS 5201, 5202, 5203, 5205, 5206 u 5207.

Filwaqt li t-tariffi fil-Ġappun huma ġeneralment baxxi, l-ostakoli regolatorji għall-kummerċ fi prodotti u servizzi, kif ukoll l-ostakoli għall-investiment u l-akkwist pubbliku, għadhom għoljin u huma perċepiti mill-industrija tal-UE bħala waħda mir-raġunijiet ewlenin għaliex is-suq Ġappuniż ħafna drabi huwa meqjus bħala aktar diffiċli minn swieq oħrajn¹⁴. Madankollu, l-2010 ġab impenn imġedded għal rabtiet ekonomiċi aktar fil-qrib bejn l-UE u l-Ġappun fil-kuntest tad-diskussjonijiet fl-hekk imsejjaħ Grupp ta' Livell Għoli stabbilit fis-Summit bejn l-UE u l-Ġappun f'April 2010. L-UE għamlitha ċara li l-kapaċità tal-Ġappun li juri li l-ostakoli regolatorji jistgħu jitneħħew hija l-kundizzjoni l-aktar importanti għal integrazzjoni ekonomika aktar fil-qrib bejn l-UE u l-Ġappun.

It-tliet ostakoli importanti li ġejjin għalhekk huma każijiet tajba ta' prova għall-ambizzjoni tal-Ġappun li jtejjeb l-aċċess għas-suq għall-benefiċċju reċiproku tal-UE kif ukoll tal-Ġappun.

1) Eżempju wieħed huwa relatat mal-ostakoli ewlenin li n-negozju tal-UE qed jiffaċċja fis-suq **tal-akkwisti** Ġappuniż – minkejja l-fatt li l-Ġappun huwa parti tal-Ftehim dwar l-Akkwist tal-Gvern tal-WTO (GPA). Il-Ġappun impenja ruħu li jiftaħ għas-sħab tal-GPA (u għalhekk għan-negozji tal-UE) is-suq tal-akkwisti pubbliċi li għandu valur ta' madwar EUR 22 biljun. Fl-2007 dan irrappreżenta biss 4 % tas-swieq totali Ġappuniżi tal-akkwisti pubbliċi u 0,5 % tal-PDG tiegħu. B'kuntrast, il-kumpaniji Ġappuniżi kellhom aċċess għas-swieq tal-akkwisti pubbliċi tal-UE li kellhom valur ta' EUR 312 biljun (jew 2,5 % tal-PDG tal-UE). Fl-isfond ta' din il-problema hemm, fost oħrajn, restrizzjonijiet tal-aċċess għall-kuntratti mogħtija mill-operaturi tat-trasport ferrovjarju u urban, limiti eċċessivi għall-kuntratti pubbliċi għax-xogħlijiet tal-kostruzzjoni, u nuqqas ta' kopertura eżawrjenti tal-awtoritajiet kontraenti lokali.

2) It-tieni, l-introduzzjoni ta' **apparat mediku** ġdid fis-suq Ġappuniż għadu diffiċli għaliex il-qafas regolatorju tal-Ġappun ma jipprovdix biżżejjed rikonoxximent tal-istandards internazzjonali u fih proċeduri ta' approvazzjoni twal. Huwa biss nofs l-apparat mediku użat fis-swieq tal-UE u tal-Amerika li huwa disponibbli fil-Ġappun.

3) Fir-rigward tas-settur tas-**servizzi finanzjarji**, l-industrija tal-assigurazzjoni Ewropea kontinwament esprimiet it-tħassib kbir tagħha dwar it-trattament preferenzjali tal-Posta Ġappuniża mir-regolatur Ġappuniż. Il-leġiżlazzjoni l-ġdida ppreparata mill-gvern se tiddiskrimina saħansitra iżjed kontra l-kumpaniji tal-assigurazzjoni barranin minflok tintroduċi kundizzjonijiet indaqs fir-rigward tal-operaturi privati Ġappuniżi u barranin.

2.4. Mercosur: Il-Brażil u l-Arġentina

Il-**Brażil** huwa l-għaxar l-ikbar sieħeb kummerċjali tal-UE (figuri tal-2009) u l-esportazzjonijiet ta' prodott mill-UE jammontaw għal iżjed minn EUR 21 biljun, filwaqt li l-UE hija l-ikbar sieħeb kummerċjali tal-Brażil, u tammonta għal kważi kwart mill-kummerċ totali tiegħu. Il-Brażil huwa wkoll l-akbar esportatur singolu ta' prodotti agrikoli lill-UE, u jammonta għal wieħed minn kull tmienja tal-importazzjonijiet agrikoli totali tal-UE. L-UE hija l-akbar investitur barrani fil-Brażil. Madankollu, is-suq Brażiljan huwa relattivament protett ħafna b'tariffa doganali applikata ta' medja ta' 12 % u ostakoli mhux tariffarji sinifikanti li jfixx l-attivitajiet tal-operaturi tas-suq u l-investituri.

¹⁴ Valutazzjoni tal-ostakoli għall-kummerċ u l-investiment bejn l-UE u l-Ġappun, rapport minn Copenhagen Economics, Novembru 2010"; http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2010/february/tradoc_145772.pdf

L-**Arġentina** hija wkoll sieħeb kummerċjali importanti għall-UE, u l-UE hija wkoll l-akbar investitur barrani fl-Arġentina, u tammonta għal madwar nofs l-Investment Dirett Barrani (IDB) fl-Arġentina. Kif enfasizzat minn diversi rapporti ta' monitoraġġ ta' organizzazzjonijiet internazzjonali kif ukoll tal-Kummissjoni¹⁵, ir-reazzjonijiet politiċi kummerċjali tal-Arġentina matul il-kriżi ekonomika kienu partikolarment problematiċi b'numru sinifikanti ta' miżuri protezzjonisti ġodda introdotti mill-2008 'l hawn.

Bħala parti minn **Mercosur**, il-Brażil u l-Arġentina bħalissa qed jinnegożjaw ftehim ta' assoċjazzjoni mal-UE li se jinkludi ftehim ta' kummerċ ħieles.

F'dan l-isfond, l-ostakoli importanti għall-kummerċ li ġejjin jeħtieġ jiġu indirizzati sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-swieq għaż-żewġ pajjiżi:

1) **Fil-Brażil**, aċċess ġust, li hu diġà limitat, tal-kumpaniji barranin għas-suq **tal-akkwisti** li dejjem qed jikber, qed isir iktar diffiċli – liġi reċenti introduċiet **margġini ta' preferenza għall-oġġetti u s-servizzi lokali** ta' 25 % u rrestrinġiet għall-fornituri nazzjonali l-akkwist ta' prodotti u servizzi meqjusin bħala ta' interess strateġiku nazzjonali. Dan diġà qed jaffettwa l-fornituri Ewropej fil-qasam tal-ICT. Id-daqs (fl-2007 kien stmat li għandu valur ta' madwar EUR 133 biljun) u l-potenzjal kbir tas-suq Brażiljan tal-akkwisti pubbliċi jagħmel dan ostakolu wieħed sinifikanti - aktar u aktar għaliex ir-raġjuni tal-miżura tidher li hija parti minn politika industrijali usa'.

2) Fir-rigward **kemm tal-Brażil kif ukoll tal-Arġentina**, hemm restrizzjonijiet fit-**trasport marittimu** li huma ta' tħassib dirett għan-negożju tal-UE. Il-ftehimiet fuq il-kondiviżjoni tal-merkanzija bejn il-Brażil u l-Arġentina jillimitaw l-opportunitajiet għall-kumpaniji tat-trasport marittimu tal-UE biex jimpjenjaw ruħhom f'kummerċ internazzjonali bejn iż-żewġ pajjiżi. Id-daqs u t-tkabbir tal-flussi kummerċjali intraMercosur u bejn l-UE u l-Mercosur, u t-tkabbir potenzjali f'dawn il-flussi b'konsegwenza ta' FTA possibbli bejn Mercosur u l-UE, irendu din il-kwistjoni partikolarment rilevanti għall-kumpaniji tal-UE.

3) **Il-Brażil u l-Arġentina** qed ifixxlu wkoll il-kummerċ permezz ta' miżuri differenti li jirrestrinġu **l-esportazzjoni ta' materji primi**. Il-prodotti affettwati jinkludu **l-prodotti agrikoli** kif ukoll ġlud ħoxnin mhux ipproċessati, ġlud u "wet-blue". Fir-rigward tal-prodotti agrikoli, għal ċerti prodotti bħall-fażola tas-sojja, it-taxxi tal-esportazzjoni fl-Arġentina huma għoljin anki sa 35 %. Flimkien mal-proċeduri peżanti tal-esportazzjoni bħar-"reġistri tal-esportazzjoni", pereżempju għaċ-ċanga u ċ-ċereali, dawn il-miżuri għandhom effett negattiv konsiderevoli fuq il-produtturi downstream Ewropej u, fl-aħħar, fuq il-konsumaturi. Il-ġlud ħoxnin mhux ipproċessati, il-ġlud u l-wet blue, li għalihom il-Brażil u l-Arġentina huma produtturi globali importanti ħafna, jikkostitwixxu każ eżemplari. L-industrija tal-ġilda tal-UE tiddependi ħafna fuq il-provvisti mill-Brażil u l-Arġentina; fl-2009 l-importazzjonijiet tal-UE mill-Brażil ta' ġlud ħoxnin bovini, ġlud ħoxnin mhux ipproċessati, ġlud u wet-blue li fuqhom kien hemm ir-restrizzjonijiet, kellhom valur ta' EUR 87 miljun (12 % tal-importazzjonijiet totali tal-UE) u għall-Arġentina l-importazzjoni ta' dawk li jiffaċċjaw restrizzjonijiet kellha valur ta' EUR 81,2 miljun (10 % tal-importazzjonijiet totali tal-UE). L-użu tat-taxxi tal-esportazzjoni fuq il-ġlud ħoxnin u l-ġlud iwassal għal żvantaġġi kompetittivi importanti għall-industrija tal-ġilda tal-UE għaliex dawn id-dazji jammontaw għal parti sinifikanti ħafna tal-ispejjeż tal-produzzjoni tal-ġilda. Għandu jkun innotat li b'mod parallel mal-introduzzjoni tar-

¹⁵ Ara, pereżempju, DG Kummerċ, "Seventh Report on potentially trade restrictive measures" ("Is-Seba' Rapport dwar miżuri potenzjalment restrittivi għall-kummerċ"), Novembru 2010; http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2010/october/tradoc_146796.pdf.

restrizzjonijiet tal-esportazzjoni, il-Brażil u l-Arġentina qed jiżviluppaw l-industriji tagħhom ta' oġġetti tal-ġilda lesti. Bis-saħħa tal-aċċess faċli għall-materji primi rħas mhux disponibbli għall-kompetituri barranin tagħhom, dawn l-industriji issa saru kompetittivi ħafna internazzjonalment.

4) Fl-aħħar, restrizzjoni sinifikanti kummerċjali li l-**Arġentina** imponiet b'reazzjoni għall-kriżi ekonomika u finanzjarja hija l-estensjoni tas-sistema tagħha ta' **liċenzji mhux awtomatiċi** għal firxa wiesgħa ta' prodotti. Inizjalment iffukata fuq it-tessuti, xedd is-saqajn u l-ġugarelli, din is-sistema qed tiġi applikata aktar u aktar għal prodotti oħra bħal tajers, pajpijiet tal-ħadid, makkinarju u apparat mekkaniku (eż. liftijiet, makkinarju tal-ħsad), metall ordinarju u oġġetti tal-metall ordinarju u partijiet tal-karozzi. L-istimi huma ta' telf potenzjali ta' mill-anqas EUR 45 miljun għall-esportaturi Ewropej. Barra minn hekk, hemm indikazzjonijiet li l-ambitu tas-sistema ta' liċenzjar mhux awtomatiku jista' jiġi estiż aktar. Karatteristika saljenti ta' dawn il-miżuri ħafna drabi huma restrizzjonijiet "volontarji" tal-importaturi biex iġibu l-importazzjonijiet tagħhom fuq livell indaqs tal-produzzjoni domestika. Bl-istess loġika, il-gvern tal-Arġentina ħa miżuri wkoll biex **jirrestrinġi l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-ikel**, fost oħrajn billi jinkoraġġixxi informalment lis-supermarkets sabiex ma jbigħux aktar tali prodotti u billi qed idewwem il-ħruġ tal-hekk imsejja "ċertifikati ta' ċirkolazzjoni ħielsa".

2.5. Ir-Russja

Ir-Russja hija waħda mill-imsieħba kummerċjali prinċipali tal-UE u l-flussi kummerċjali bilaterali kibru b'rati għoljin sa nofs l-2008 meta r-Russja adottat miżuri restrittivi kummerċjali unilaterali b'reazzjoni għall-kriżi ekonomika u finanzjarja biex tippoteġi l-industrija domestika tagħha. Dawn il-miżuri protezzjonisti affettwaw serjament ir-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-UE u r-Russja. Fl-2009, l-esportazzjonijiet tal-oġġetti tal-UE lir-Russja ammontaw għal EUR 65,6 biljun (tnaqqis mid-EUR 89,1 biljun fl-2007) filwaqt li l-importazzjonijiet mir-Russja ammontaw għal EUR 115 biljun (EUR 144,5 biljun fl-2007). Għas-servizzi kummerċjali, l-esportazzjonijiet tal-UE ammontaw għal EUR 18,3 biljun (2009) u l-ħruġ ta' IDB tal-UE ammonta għal EUR 26,3 biljuni (2008). L-intrapriżi tal-Istat ikomplu jilagħbu rwol importanti fl-ekonomija Russa.

L-impatt negattiv fuq l-esportazzjonijiet tal-UE ta' numru ta' politiki protezzjonisti reċenti li qed issewgi r-Russja qed joktor permezz tal-konsolidazzjoni taż-żidiet fit-tariffi temporanji Russi fil-kuntest tat-Tariffa Esterna Komuni tal-Unjoni Doganali mal-Kazakistan u l-Bjelorussja li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2010¹⁶. Ir-Russja reċentement aċċellerat il-proċess ta' adeżjoni għall-WTO u beħsiebha tikkompletah matul din is-sena u dan jista' jirriżulta fit-twaqqiġ tat-tali żieda fid-dazji għal-livelli iżjed baxxi negozjati mal-membri tal-WTO.

Fis-snin reċenti, ir-Russja implimentat dazji ta' esportazzjoni għoljin fuq numru ta' komoditajiet li huma importanti għall-importaturi tal-UE, bħall-injam, il-fdalijiet tal-metall ferużi u mhux ferużi. Minħabba l-piż tal-provvisti Russi, tali politiki għandhom impatt

¹⁶ Il-Kummissjoni tistma li l-ispejjeż totali f'dazji miżjuda, introdotti mir-Russja matul il-kriżi ekonomika, u konsolidati fit-Tariffa Esterna Komuni tal-Unjoni Doganali bejn ir-Russja, il-Kazakistan u l-Bjelorussja, huma 540 miljun fis-sena (madwar 860 miljun fis-sena fl-Unjoni Doganali bħala total). Ara wkoll: DG Kummerċ, *Fifth report on potentially trade restrictive measures* (Il-Ħames Rapport dwar miżuri potenzjalment restrittivi għall-kummerċ, Novembru 2009; DG Kummerċ, *Sixth report on potentially trade restrictive measures* (Is-Sitt Rapport dwar miżuri potenzjalment restrittivi għall-kummerċ), Mejju 2010

sinifikanti fuq l-industriji tal-UE. L-importazzjonijiet tal-UE ta' daww il-materji primi industrijali mir-Russja li qed jiffaċċjaw l-ostakoli kollhom valur ta' kważi EUR 3 biljun fl-2009. Fil-qafas tal-adeżjoni tal-WTO tar-Russja, li għandha tiżgura kundizzjonijiet iżjed stabbli għan-negozju fi u mar-Russja, reċentement intlaħaq ftehim bilaterali biex jiġu solvuti l-kwistjonijiet pendenti bħad-dazji tal-esportazzjoni fuq l-injam u t-tariffi tal-ferrovija diskriminatorji.

L-ostakoli kummerċjali li ġejjin jidhru li huma ta' importanza kruċjali għall-interessi tan-negozju tal-UE:

1) Tħassib ewlieni wiehied għall-esportaturi tal-UE, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar, ikomplu jkunu l-**proċeduri tad-dwana għaljin u peżanti**, inklużi valutazzjoni arbitrarja u r-rikorrimenti għal prezzijiet minimi. L-implimentazzjoni tal-Unjoni Doganali bejn ir-Russja, il-Kazakistan u l-Bjelorussja aggravat il-problema f'din iż-żona.

2) **It-tħassib dwar l-infurzar tad-DPI** għadu għoli fuq l-aġenda mar-Russja. Għad hemm livell għoli ta' piraterija fir-Russja. Il-bejgħ u l-użu ta' oġġetti falsifikati huma mifruxa kemm fis-swieq tat-triq kif ukoll fil-bejgħ fil-livell tal-konsumatur popolarizzat. Barra minn hekk, il-ksur sistematiku tal-privattivi, tas-sigrieti kummerċjali u tal-kompetenzi fis-setturi innovattivi jipperikola l-kompetittività tal-UE. L-istabbiliment tal-Unjoni Doganali bejn ir-Russja, il-Kazakistan u l-Bjelorussja fl-1 ta' Jannar 2010 ġab riskju konsiderevoli ta' dgħufija ulterjuri tal-infurzar tal-protezzjoni tal-marki kummerċjali. Ir-riskju huwa marbut mar-reġim dghajjed tad-DPI fil-Kazakistan, li l-konfini porużi tiegħu jippermettu d-dħul ta' oġġetti falsifikati u l-importazzjonijiet paralleli illeġittimi mill-pajjiżi tal-Asja, notevolment miċ-Ċina.

3) Il-**politika ta' investiment** tar-Russja, li għandha l-għan li tipproteġi u trawwem l-industriji domestiċi, għadha sors ieħor ta' tħassib sinifikanti. Il-miżuri ta' investiment relatati mal-kummerċ jinkludu rekwiżiti ta' kontenut lokali, bejgħ domestiku, prestazzjoni ta' esportazzjoni u trasferiment tat-teknoloġiji. L-“inizjattiva ta' lokalizzazzjoni” reċenti, li hi maħsuba biex tipprovdi inċentivi għal kumpaniji barranin biex jistabbilixxu l-produzzjoni fir-Russja f'numru ta' setturi, inklużi daww tal-karozzi, tal-elettronika u tal-farmaċewtiċi, hija l-aħħar eżempju ta' din il-politika. Barra minn hekk, il-liġi Russa fuq l-investiment barrani f'setturi strateġiċi timponi limiti baxxi ħafna għal approvazzjoni *ex-ante* ta' investimenti tal-enerġija barranin fir-Russja, li trendi l-investiment tal-UE fis-suq tal-enerġija Russu upstream inkonvenjenti.

4) Fl-aħħar, iżda mhux inqas, hemm kwistjonijiet relatati mal-**SPS** li jkomplu jfikklu b'mod sinifikanti l-esportazzjonijiet lir-Russja. Ħafna mill-miżuri SPS tar-Russja mhumieq konsistenti mal-istandards internazzjonali u mhumieq appoġġjati minn ġustifikazzjoni xjentifika. Il-valur ekonomiku tal-esportazzjonijiet potenzjalment affettwati minn dawn l-ostakoli huwa sinifikanti. Fl-2009, l-esportazzjonijiet tal-prodotti agrikoli lir-Russja kkostitwixxew madwar 10 % tal-esportazzjonijiet totali tal-UE, li ammontaw għal kważi EUR 7 biljun. Ir-Russja għalhekk hija suq tal-esportazzjoni primarju għall-oġġetti agrikoli, u r-restrizzjonijiet f'dan il-qasam jippreżentaw riskju dirett għall-kumpaniji li joperaw f'dan is-settur.

2.6. L-Istati Uniti tal-Amerika

L-Istati Uniti tal-Amerika (USA) hija l-akbar sieħeb kummerċjali u tal-investiment tal-UE. Fl-2009, l-esportazzjonijiet tal-oġġetti u s-servizzi kummerċjali tal-UE lill-USA ammontaw għal EUR 322 biljun (20,6 % tal-esportazzjonijiet totali tal-UE), filwaqt li l-importazzjonijiet ta'

prodotti u servizzi mill-USA ammontaw għal EUR 281,9 biljun (17,6 % tal-importazzjonijiet totali tal-UE). L-UE u l-USA għandhom l-aktar relazzjoni ekonomika integrata fid-dinja, illustrata bil-livelli mingħajr rivali ta' stokkijiet ta' investiment reċiproku li jilhqgħu EUR 1 044,1 biljun ta' investiment tal-USA fl-UE u EUR 1 134 biljun ta' investiment tal-UE fil-USA fl-2009, u flussi li laħqu fl-2009 EUR 75,1 biljun mill-UE lill-USA u EUR 97,8 biljun mill-USA lill-UE.

Madankollu, il-potenzjal enormi tar-relazzjoni transatlantika għad mhux sfruttat kompletament. Minħabba t-tariffi medji baxxi (taħt it-3 %), is-soluzzjoni għall-użu ta' dan il-potenzjal huwa l-indirizzar tal-barrieri mhux tariffarji. L-akbar ostakoli huma fid-diverġenza tal-istandards u r-regolamenti min-naħa għall-oħra tal-Atlantiku. Ir-riskji involuti huma għoljin: Studju reċenti jissuġġerixxi li l-eliminazzjoni ta' biss nofs l-ostakoli mhux tariffarji eżistenti u d-diverġenzi regolatorji bejn l-UE u l-USA tista' tagħti spinta lill-PDG tal-UE b'EUR 122 biljun fis-sena¹⁷.

F'dan l-isfond ta' relazzjoni tant kbira u b'għeruq fondi, l-ostakoli li ġejjin miżmuma mill-USA għandhom jiġu indirizzati bħala kwistjoni ta' prijorità.

1) Huwa interessanti li wieħed jinnota l-livell baxx ta' ftuħ tas-swieq tal-**akkwisti tal-gvern** tal-USA għall-offerenti tal-UE. Dan jirriżulta parzjalment mill-ambitu limitat tal-impenji tal-GPA tal-USA, li jkopri biss 3,2 % tas-suq tal-akkwisti pubbliċi tal-USA (b'valur totali ta' EUR 34 biljun). B'kuntrast, l-UE impenjat ruħha li tiftaħ madwar 15 % tas-swieq tal-akkwisti pubbliċi tagħha lill-partijiet l-oħra tal-GPA. L-inizjattiva **Buy American** (Ixtori Amerikan) illimitat iktar l-aċċess effettiv għas-swieq tal-akkwisti pubbliċi tal-USA fl-oqsma mhux koperti mill-impenji tal-GPA tal-USA permezz ta' dispożizzjonijiet ġodda diskriminatorji inklużi fl-Att Amerikan dwar l-Irkupru u r-Riinvestiment Ekonomiku u leġiżlazzjoni simili. Dawn id-dispożizzjonijiet ħolqu inċertezza addizzjonali għall-operaturi barranin fis-suq tal-USA u effettivament eskcludewhom minn ċerti sejħiet għall-offerti, l-aktar fis-settur tal-konstruzzjoni, u kellhom riperkussjonijiet sfortunati ħafna għal miżuri simili f'pajjiżi oħra. Eżempju ieħor ta' Prattiki dannużi hija l-projbizzjoni li jsir xiri tal-gvern tal-USA mill-hekk imsejja kumpaniji invertiti, li huma oriġinarjament kumpaniji Amerikani li bidlu l-ġurisdizzjoni tat-taxxa u invertew għal sistema tat-taxxa ta' pajjiż ieħor.

2) Ostakolu ieħor orizzontali, li potenzjalment għandu impatt sinifikanti ekonomiku u Prattiku fuq l-esportazzjonijiet tal-UE lill-USA huma d-dispożizzjonijiet ta' **'100 % scanning'**. Din il-leġiżlazzjoni Amerikana li għandha l-għan li ttejjeb is-sigurtà billi tiġġieled theddid potenzjali minn terroristi lis-sistema kummerċjali tal-kontejners marittimi internazzjonali, tipprevedi li, sal-1 ta' Lulju 2012, il-kontejners kollha destinati għall-Amerika jkollhom l-iskanjar ta' 100 % (skanjar minn qabel tal-kontejners qabel jaslu fil-portijiet Amerikani). Ir-riperkussjonijiet tagħha huma estensivi tant li din se tkun ostakolu serju għall-kummerċ bejn l-UE u l-USA. Filwaqt li reċentement inkiseb suċċess fil-kuntest tad-diskussjonijiet fil-Kunsill Ekonomiku Transatlantiku lejn ir-rikonossiment mill-Amerika tal-kunċett ta' "operatur ekonomiku awtorizzat", l-UE se tkompli tissorvelja mill-qrib sew l-iżviluppi ulterjuri fuq dan l-ostakolu.

¹⁷ "Miżuri mhux f'forma ta' tariffi fil-kummerċ u l-investiment bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti – Analiżi Ekonomika"; ta' Ecorys; maħruġ fuq il-web fis-16 ta' Diċembru 2009, http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2009/december/tradoc_145613.pdf

3. L-OSTAKOLI L-AKTAR SINIFIKANTI: ANALIŻI ORIZZONTALI TAT-TENDENZI U L-PRIJORITAJIET KOMUNI

L-ostakoli elenkati fit-taqsim 2 huma ftit mill-problemi l-aktar importanti li l-kumpaniji Ewropew jiffaċċjaw meta jkunu jridu jiksbu aċċess għas-swieq tal-imsieħba strateġiċi tagħna. Ċerti tipi ta' ostakoli huma rikorrenti. L-analiżi li ġejja ta' dawn il-karatteristiċi komuni tista' tkun utli għall-identifikazzjoni tal-aħjar modi biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet, inklużi l-possibbiltajiet għal iżjed ingranaġġ u għad-definizzjoni ta' strateġija ta' tneħħija mtejbja (u iżjed assertiva) għall-futur.

3.1. Akkwisti tal-Gvern

Is-swieq tal-akkwist pubbliku għadhom magħluqin b'mod sinifikanti għall-parteċipanti barranin kif jidher b'mod ċar mill-problemi enfasizzati fl-Amerika, fiċ-Ċina, fil-Ġappun u fil-Brażil. Madankollu, dawn is-swieq mhumiex negliġibbli mill-aspett kummerċjali. Il-potenzjal mhux sfruttat huwa konsiderevoli. Fl-2007, l-infiq fuq l-akkwisti pubbliċi ammonta għal madwar 16 % tal-PDG fl-UE, 11 % fil-USA u 18 % fil-Ġappun. Għal ekonomiji emerġenti u li qed jiżviluppaw, id-dejta hija skarsa. Fl-2007, dawn is-swieq tal-akkwisti tal-gvern ġew stmati li jammontaw għal madwar EUR 212 biljun fl-Indja u fil-Mercosur (il-Brażil u l-Arġentina) flimkien. Dan jista' jkun relattivament żgħir f'termini assoluti, iżda dawn is-swieq huma mistennija li jiżdedu b'mod sinifikanti u aktarx isiru opportunitajiet tan-negozju futuri importanti fis-setturi fejn l-industrija tal-UE hija kompetittiva ħafna.

Madankollu, l-akkwist pubbliku huwa forsi l-akbar segment tal-kummerċ li għadu relattivament protett mill-impenji internazzjonali. Huma biss 14-il pajjiż li huma partijiet għall-Ftehim dwar l-Akkwist tal-Gvern (GPA). Huma biss l-Amerika u l-Ġappun fost is-sitt imsieħba strateġiċi identifikati f'dan ir-rapport li fil-preżent huma membri tal-GPA, filwaqt li ċ-Ċina qed tinnegozja l-adeżjoni tagħha. Barra minn hekk, anki dawk il-pajjiżi li ffirmaw il-GPA nneqozjaw limiti importanti għall-impenji tagħhom fuq il-ftuħ tas-swieq fil-forma ta' limiti minimi jew esklużjonijiet ta' setturi jew entitajiet (bħal entitajiet sottofederali). Għalhekk mhijiex sorpriża li meta l-kriżi finanzjarja u ekonomika faqqgħet fl-2008/09, kienet innutata proliferazzjoni ta' miżuri protezzjonisti fil-qasam tal-akkwist pubbliku¹⁸.

Barra minn hekk, il-GPA huwa karatterizzat ukoll minn assimetrija importanti bejn dak li joffru l-partijiet differenti f'termini ta' impenji ta' aċċess għas-swieq, bl-UE li hija iżjed miftuħa mill-partijiet l-oħra. Jidher ċar li s-sħab kummerċjali tagħna naqsu mir-reċiproċità f'dan id-dominju. Pereżempju, fl-2007, il-valur tal-akkwisti tal-USA offrut lill-offerenti barranin fil-GPA kien biss EUR 34 biljun u, għall-Ġappun kien EUR 22 biljun. Dan huwa ta' kuntrast kbir mal-valur ta' EUR 312 biljun tas-swieq tal-akkwist pubbliku li l-UE impenjat ruħha li tiftaħ. Għaldaqstant, hemm raġunijiet validi biex ikun hemm spinta għal iżjed aċċess għas-swieq tal-akkwist pubbliku, b'mod partikolari fir-rigward tal-imsieħba strateġiċi tagħna li ma għamlux impenji reċiproċi. L-isforzi jridu jiġu rinfurzati sabiex jiżdedu l-impenji internazzjonali - permezz tan-negozjati li għaddejjin tal-GPA u l-estensjoni tas-sħubija tagħha, permezz tal-FTAs negozjati mill-UE jew inkella permezz ta' azzjonijiet immirati bilaterali.

¹⁸ Ara, pereżempju, DG Kummerċ, "Seventh Report on potentially trade restrictive measures" ("Is-Seba' Rapport dwar miżuri potenzjalment restrittivi għall-kummerċ"), Novembru 2010.

Madankollu, minħabba l-ftuħ relattiv tal-UE għall-offerenti barranin, l-ingranaġġ tagħha fin-negozjati kummerċjali fuq l-aċċess għas-swieq tal-akkwist pubbliku barranin jonqos¹⁹. Sabiex tiżdied l-influenza u tiġi żgurata simetrija mtejbja fl-aċċess għas-swieq tal-akkwist pubbliku, il-Kummissjoni argumentat fil-komunikazzjoni reċenti tagħha dwar il-politika kummerċjali u fl-Att dwar is-Suq Uniku li hemm bżonn ta' inizjattiva speċifika u li beħsiebha tagħmel proposta f'dan ir-rigward din is-sena. L-iskopijiet primarji tal-istrument legali l-ġdid ikunu li jiċċaraw ir-regoli dwar l-aċċess għas-suq tal-UE tal-akkwist pubbliku ta' prodotti, servizzi u kumpaniji ta' pajjiżi terzi, u b'hekk jiġu żgurati kundizzjonijiet indaqs fis-suq tal-UE tal-akkwisti pubbliċi u tiġi msaħħa l-pożizzjoni tal-UE hija u tinneogzja l-aċċess tal-kumpaniji tal-UE għas-swieq tal-akkwisti pubbliċi ta' pajjiżi terzi, sabiex is-swieq tal-akkwisti pubbliċi tal-imsieħba kummerċjali tagħna jinfetħu (iktar).

Barra minn hekk, impenn ta' livell għoli huwa neċessarju sabiex jiġi żgurat li l-kumpaniji Ewropej ikunu jistgħu jkollhom sehem leġittimu tas-swieq tal-akkwist tal-gvern barranin.

3.2. Protezzjoni effettiva tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettwali (DPI)

Id-diffikultajiet enfasizzati hawn fuq fir-rigward tas-swieq Ċiniżi u Russi huma sintomatiċi tal-problemi ewlenin li n-negozji Ewropej jiltaqgħu magħhom meta jesportaw prodotti u servizzi bid-drittijiet intellettwali protetti. F'ekonomija globalizzata, il-vantaġġ komparattiv tal-ekonomija tal-UE jiddependi dejjem iżjed fuq il-valur għoli miżjud u l-oġġetti u s-servizzi b'PI intensiva. B'konsegwenza ta' dan, it-tkabbir, ix-xogħol u l-innovazzjoni fl-UE huma mfixkla severament meta l-ideat, il-marki kummerċjali u l-prodotti jkunu piratati u falsifikati. In-nuqqas ta' protezzjoni legali u l-infurzar effettiv tad-DPI, inkluża l-protezzjoni insuffiċjenti tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, jostakola n-negozju Ewropew milli jieħu l-benefiċċji ta' opportunitajiet ta' esportazzjoni importanti. Biex nagħtu eżempju (żgħir), fl-2007 l-prodotti agrikoli b'*Denominazzjonijiet Protetti tal-Oriġini* (DPOs) u *Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti* (IĠPs) kellhom valur bl-ingrossa stmat ta' EUR 14,2 biljun u huwa stmat li madwar 30 % tad-DPOs u IĠPs jiġu esportati barra mill-UE. It-titjib tal-protezzjoni tad-DPI għall-kumpaniji tagħna, għalhekk, huwa element kruċjali li jiżgura l-kapaċità tal-UE li tikkompeti fl-ekonomija globali.

Sar xi progress fir-rigward tal-protezzjoni tad-DPI, notevolment permezz tal-implimentazzjoni mtejbja tal-Istrateġija dwar l-Infurzar tal-Kummissjoni²⁰. Dispożizzjonijiet b'saħħithom tad-DPI ġew negozjati fi ftehimiet bilaterali. Il-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni (ACTA) ġie konkluż ma' numru ta' pajjiżi li jaħsbuha l-istess²¹. 'Djalogi dwar id-DPI' speċifiċi ġew rinforzati ma' ċerti sħab ewlenin, bħaċ-Ċina u r-Russja. L-Uffiċċju tal-Infurmazzjoni għall-SMEs dwar id-DPI fiċ-Ċina (China IPR SME Helpdesk) kien effettiv ħafna wkoll biex jgħin lill-SMEs Ewropej jipproteġu u jiddefendu d-DPI tagħhom fil-pajjiż²², flimkien mal-proġett "IPR2"²³, proġett bi sħab bejn l-UE u l-awtoritajiet Ċiniżi li għandu l-għan li jtejjeb l-effettività tal-infurzar tad-DPI fiċ-Ċina.

¹⁹ Ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Il-Kummerċ bħala Impetu għall-Prosperità" li jakkompanja l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Kummerċ, Tkabbir u Affarijiet Dinjija"; paġni 52ff. u "Lejn Att dwar is-Suq Uniku – għal ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna", ara l-proposta nru 24, p.18

²⁰ Strateġija għall-Infurzar tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettwali fil-Pajjiżi Terzi, 2004.

²¹ L-Awstralja, il-Kanada, il-Ġappun, il-Korea, il-Messiku, il-Marokk, in-New Zealand, Singapor, l-Isvizzera, l-Istati Uniti tal-Amerika u l-UE

²² <http://www.china-iprhelpdesk.eu>

²³ <http://www.ipr2.org>

L-evalwazzjoni reċenti tal-Istrateġija dwar l-Infurzar tal-Kummissjoni²⁴ kkonkludiet li din l-istrateġija hija rilevanti u wasslet għal ħafna suċċessi, iżda teħtieġ xi aġġustamenti wara li ilha fis-seħħ sitt snin. Għaldaqstant, il-Kummissjoni issa qed tirrevedi l-istrateġija tagħha, li għandha tiġi aġġornata permezz ta' approċċ iżjed komprensiv (b'kunsiderazzjoni partikolarment ta' firxa usa' ta' interessi tal-partijiet interessati, bħal kwistjonijiet relatati mal-iżvilupp), abbażi tal-evalwazzjoni msemmija hawn fuq u ta' sorsi oħra ta' input, inklużi konsultazzjonijiet wiesa' mal-partijiet interessati.

3.3. Provvista sostenibbli ta' materji primi

It-tkabbir fid-domanda globali u l-pressjoni 'l fuq fuq il-prezzijiet misjuqa mill-industrijalizzazzjoni rapida tal-ekonomiji emerġenti xprunaw tħassib dwar il-funzjonament tajjeb tas-swieq globali tal-materji primi²⁵. L-importazzjonijiet tal-materji primi jirrappreżentaw madwar terz tal-importazzjonijiet tal-UE. Għall-produzzjoni u l-esportazzjoni ta' ħafna prodotti ta' teknoloġija avvanza u aktar ekoloġiċi, l-industrija tal-UE hija dipendenti ħafna fuq l-importazzjonijiet ta' materji primi speċifiċi.

Ir-restrizzjonijiet kummerċjali fuq dawn l-oġġetti għalhekk jistgħu jaffettwaw potenzjalment il-kompetittività tal-industrija tal-UE. Meta l-produzzjoni ta' materja prima speċifika tiġi konċentrata f'numru limitat ta' pajjiżi, ir-restrizzjonijiet tal-esportazzjoni jkollhom impatt sinifikanti fuq is-suq globali għall-materja prima mogħtija u jistgħu jikkostitwixxu tħassib serju ħafna għall-industrija tal-UE²⁶. Barra minn hekk, l-użu ta' restrizzjonijiet tal-esportazzjoni minn pajjiż li jipproduċi jpoġġi pressjoni fuq esportaturi oħra biex isegwuh sabiex jipproteġu l-industrija downstream domestika tagħhom u b'hekk jikkawża reazzjoni katina li tiggrava d-distorsjoni fis-swieq globali u tgħolli l-prezzijiet. Barra minn hekk, minħabba li l-prezzijiet domestiċi fil-pajjiżi li japplikaw ir-restrizzjonijiet probabbli jaqgħu, dan jista' jiskoraġġixxi investiment ulterjuri fil-produzzjoni/estrazzjoni u għalhekk jipperikola iżjed il-provvista fit-tul ta' dawn il-materji primi.

Mill-pajjiżi magħżula f'dan ir-rapport, l-Arġentina, il-Brażil, iċ-Ċina, l-Indja u r-Russja fil-preżent jimponu restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' materji primi. Dawn il-miżuri affettwaw l-importazzjonijiet tal-UE ta' materji primi b'valur ta' kważi EUR 6 biljun fl-2009. Studju reċenti mill-OECD wera li 65 membru tal-WTO kienu qed japplikaw dazji tal-esportazzjoni matul il-perjodu 2003-2009²⁷. Id-dejta miġbura mill-Kummissjoni²⁸ wriet li, minn Settembru 2009, ir-restrizzjonijiet tal-esportazzjoni ffaċċjati mill-operaturi tal-UE kienu

²⁴ Evalwazzjoni tal-Istrateġija għall-Infurzar tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettwali fil-Pajjiżi Terzi, ADE, Novembru 2010 – http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2010/november/tradoc_147053.pdf

²⁵ Għal informazzjoni aktar dettaljata ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "*Il-Kummerċ bħala Impetu għall-Prosperità*" li jakkompanja l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Kummerċ, Tkabbir u Affarijiet Dinjija"; paġna 65 u figura 15.

²⁶ Ir-riskju għall-provvista huwa minħabba l-fatt li sehem għoli tal-produzzjoni dinjija (jiġifieri l-kapaċità tal-ipproċessar għat-tibdil tal-materji primi fi prodotti industrijali kummerċjali) ġej l-aktar minn pajjiż wieħed jew grupp żgħir ta' pajjiżi: Dan huwa l-każ fir-rigward taċ-Ċina (antimonju, fluorspar, gallju, ġermanju, grafit, indju, manjeżju, rare earths, u tungstenu), tar-Russja (PGM), ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (kobalt, tantalju) u l-Brażil (nijobju u tantalju). Din il-konċentrazzjoni ta' produzzjoni, f'ħafna każijiet, hija kkomplicata b'rati ta' sostitwibbiltà baxxa u ta' riċiklaġġ baxx.

²⁷ Dan irrappreżenta żieda sostanzjali relata mal-perjodu 1997-2002 meta 39 Membru tal-WTO kienu qed jużaw tali strumenti; ara J. Kim, "Tendenzi reċenti fir-restrizzjonijiet tal-esportazzjoni" ("Recent trends in export restrictions"), dokumenti ta' Ħidma dwar il-Politika Kummerċjali tal-OECD, 101, 2010.

²⁸ Id-dejtabejż tkopri 19-il pajjiż inklużi l-Alġerija, l-Arġentina, il-Brażil, iċ-Ċina, l-Eġittu, l-Indja, l-Indoneżja, il-Kazakistan, ir-Russja, l-Afrika t'Isfel, it-Tajlandja u l-Ukraina.

relatati ma' iżjed minn 1200 linja ta' tariffi²⁹. Il-pajjiżi li jimponu l-akbar numru ta' miżuri jinkludu ċ-Ċina, ir-Russja, l-Arġentina u l-Ukraina. Is-setturi l-aktar affettwati kienu l-prodotti agrikoli, il-minerali, il-kimiki, il-ġlud ħoxnin u l-ġlud mhux ipproċessati, l-injam u l-prodotti tal-injam, u l-metalli.

Madankollu, l-indirizzar ta' dan it-tip ta' miżuri li jfixxlu l-kummerċ huwa partikolarment ta' sfida minħabba li dawn ma ġewx kompletament esklużi bid-dixxiplini kurrenti tal-WTO. Filwaqt li r-restrizzjonijiet kwantitattivi (notevolment il-kwoti tal-esportazzjoni u l-liċenzji tal-esportazzjoni) huma soġġetti għar-regoli GATT, it-taxxi tal-esportazzjoni mhumex ġeneralment koperti minn dixxiplini multilaterali³⁰. Fil-qafas tal-approċċ ġenerali tagħha lejn il-materji primi, il-Kummissjoni għalhekk żviluppat strateġija kummerċjali speċifika fuq il-materji primi bbażata fuq tliet pilastri: negozjati fuq dixxiplini rilevanti fil-livell multilaterali u bilaterali, infurzar tad-drittijiet eżistenzi permezz tal-isfidar ta' restrizzjonijiet ta' esportazzjoni illeġittimi, inklużi daww permezz ta' proċeduri ta' soluzzjoni għat-tilwim fil-WTO fejn possibbli, u attivitajiet ta' komunikazzjoni ma' terzi pajjiżi, biex tikkonvinċihom dwar in-natura globali tal-ħruġ tal-materji primi u tal-benefiċċji għalihom ta' regoli ċari kummerċjali f'dan il-qasam.

L-UE implimentat din l-istrateġija anki billi mexxiet numru ta' negozjati kummerċjali, permezz tat-tnedija ta' każ WTO kontra numru ta' miżuri ta' restrizzjoni tal-esportazzjoni applikati miċ-Ċina, fejn il-Kummissjoni qed teżamina l-aktar passi xierqa li jistgħu jittieħdu inkluż każ ta' segwitu tal-WTO potenzjali, u bit-trawwim ta' diskussjonijiet dwar il-kwistjoni ta' kuntatti bilaterali u f'diversi fora bħall-OECD. Se jibqa' neċessarju li jiġi diskuss is-suġġett tal-materji primi mal-imsieħba rilevanti fl-oġġla livell u li jintużaw il-kanali tas-soluzzjoni tat-tilwim u n-negozjati FTA, fejn disponibbli, sal-potenzjal sħiħ tagħhom.

3.4. Servizzi

Is-settur tas-servizzi li qed jespandi rapidament qed jikkontribwixxi aktar għat-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien ta' xogħol mad-dinja kollha aktar minn kwalunkwe settur ieħor. Fl-UE, is-settur tas-servizzi jammonta għal kważi tliet kwarti tal-PDG, aktar minn 70 % tax-xogħol tal-UE³¹ u għal madwar 30 % tal-esportazzjonijiet tal-UE. Madankollu, il-kummerċ fis-servizzi jammonta biss għal 20 % tal-kummerċ dinji. L-UE hija fuq quddiem nett fid-dinja fil-kummerċ tas-servizzi globali, u tammonta għal 27 % tal-esportazzjonijiet globali u 25 % tal-importazzjonijiet globali fl-2009. Is-servizzi għalhekk huma qasam tal-kummerċ internazzjonali fejn l-industrija tal-UE hija kompetittiva ħafna, iżda fejn l-ostakoli tal-kummerċ - kif rifless mill-ostakoli elenkati fit-taqsimi 2 għall-Ġappun u l-Mercosur - ikomplu jwaqqfuha milli tiegħu l-benefiċċji sħaħ tal-kompetittività b'saħħitha tagħha. Ir-restrizzjonijiet fil-kummerċ fis-servizzi jieħdu l-forma ta' ostakoli għad-dħul fis-suq, diskriminazzjoni diretta bejn fornituri tas-servizzi domestiċi u barranin jew inkella ostakoli regolatorji li japplikaw għall-fornituri kollha iżda joħlqu *de facto* ostakoli addizzjonali għall-fornituri barranin.

²⁹ Miżura hija definita bħala linja ta' tariffa fil-livell HS4 soġġetta għal restrizzjoni kwantitattiva (kwota tal-esportazzjoni jew projbizzjoni tal-esportazzjoni), taxxa tal-esportazzjoni, jew proċess ta' liċenzjar tal-esportazzjoni mhux awtomatiku; ara DG Kummerċ, Rapport Annwali tal-2009 dwar il-Materji Primi, http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2010/june/tradoc_146207.pdf

³⁰ Minbarra meta d-dispożizzjonijiet jiġu negozjati fil-protokoll tal-adeżjoni tal-WTO bħal fil-każ taċ-Ċina u ir-Russja għal numru ta' materji primi.

³¹ Skont ir-rapport "Impjieġ fl-Ewropa 2010" (p. 165), fl-2009 l-impjieġ fis-setturi tas-servizzi fl-UE kien uguali għal 70,4 %.

Minħabba li madwar 75 % tal-kummerċ fis-servizzi jikkonċerna l-provvista ta' servizzi ta' infrastruttura, iż-żieda fil-ftuħ tal-kummerċ fis-servizzi tista' wkoll ittejjeb il-kompetittività tal-impriżi tal-manifattura, li jwassal għal gwadanji ġenerali. L-isforzi tagħna biex niftħu s-swieq tas-servizzi barranin jeħtieġu jissaħħu. L-UE qed tinnegożja l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ tas-servizzi fi ħdan il-qafas multilaterali tal-GATS u permezz ta' Ftehimiet dwar Kummerċ Ħieles bilaterali. L-aħħar possibbiltà diġà tat pakkett ta' liberalizzazzjoni sinifikanti fil-kuntest tal-FTA UE/Korea. Filwaqt li tibni fuq dan il-preċedent importanti, l-UE għandha tipprijorizza s-servizzi bil-għan li tikseb riżultati ambizzjużi ħafna fil-ftehimiet futuri, fuq perjodu ta' żmien qasir notevolment mal-Indja u l-Kanada.

3.5. Investment

Il-faġi kurrenti ta' globalizzazzjoni biż-żieda ta' ktajjen tal-provvista integrati rat żieda drammatika fl-Investment Dirett Barrani (IDB). L-IDB huwa rikonoxxut bħala wieħed mill-fatturi ewlenin fit-trawwim tat-tkabbir ekonomiku, kif ukoll għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw. L-IDB jirrappreżenta sors importanti ta' kisbiet fil-produttività u għandu rwol kruċjali fl-istabbiliment tan-negożji barranin u l-bini ta' ktajjen tal-provvista globali bħala parti mill-ekonomija internazzjonali moderna. Ir-riċerka reċenti wriet ukoll li klima ta' investment miftuħa għandha rwol importanti fl-assigurar tax-xogħol fl-UE³². Bħala l-akbar sors ta' IDB fl-ekonomija globali, l-UE għandha interess ewleni fit-titjib tal-aċċess għas-swieq barranin u li tillibera l-potenzjal sħiħ tas-saħħa interna tal-UE fis-servizzi u l-istabbiliment.

L-ostakoli għall-investment barrani jieħdu l-forma ta' restrizzjonijiet regolatorji, klassifikati mill-OECD fi tliet kategoriji vasti: (i) restrizzjonijiet fuq is-sjieda barranija tal-kapital ta' ekwità; (ii) eżami analitiku mandatorju u proċeduri ta' approvazzjoni li jżidu l-ispejjeż tad-dħul u (iii) restrizzjonijiet operattivi bħal limiti fuq ċittadini barranin li jaħdmu fl-affiljati, jew rekwiżiti ta' nazzjonalità u residenza għall-membri tal-bordijiet tad-diretturi, restrizzjonijiet fuq il-fatturi produttivi u regolamenti tal-gvern diskriminatorji, jew restrizzjonijiet fuq ir-ripatrijazzjoni tal-qligħ. Il-maġġoranza tar-restrizzjonijiet jinstabu fis-setturi tas-servizzi, bit-trasport, it-telekomunikazzjonijiet, il-finanzi u l-elettriku bħala wħud mill-aktar industriji ristretti. Għalkemm ir-restrittività tal-IDB għal kull pajjiż mhux faċli tkejjilha, il-livell għoli ta' ostakoli għall-investment fl-Indja, fiċ-Ċina u fir-Russja, kif stabbilit fit-Taqsima 2, jispikka.

Minħabba l-benefiċċji tal-investment barrani, l-UE qed tistinka biex toħloq klima attraenti u stabbli għall-investituri Ewropej barra l-pajjiż kif ukoll biex tippreserva u tippromwovi reġim ta' investment miftuħ lokament fi spirtu ta' reċiproċità u benefiċċju reċiproku. Dan huwa segwit permezz ta' taħlita ta' negożjati u djalogi ma' msieħba prinċipali bħall-Amerika, iċ-Ċina u r-Russja u l-parteciċipazzjoni attiva fil-ħidma mmexxija f'fora internazzjonali, bħall-OECD, UNCTAD u l-G8/G20. Bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona u l-estensjoni tal-kompetenza tal-UE għall-IDB, il-politika tal-investment qed tiġi żviluppata u ġestita b'mod iżjed komprensiv fil-livell Ewropew, u dan jagħti lill-UE ċ-ċans ta' negożjar iktar b'saħħtu mhux biss billi tikkontribwixxi għall-abolizzjoni progressiva tar-restrizzjonijiet fuq investment dirett barrani f'pajjiżi terzi, iżda tagħti wkoll protezzjoni aħjar tal-investment għan-negożji kollha Ewropej - u fl-istess ħin tissalvagwardja l-livelli ta' protezzjoni negożjati qabel it-Trattat ta' Lisbona mill-Istati Membri individwalment ma' pajjiżi terzi. Il-Kummissjoni diġà ppubblikat Komunikazzjoni³³ fuq politika ta' investment internazzjonali li

³² Ara r-rapport minn Copenhagen Economics, "Impacts of EU outward FDI" (Impatti tal-IDB għall-barra tal-UE), l-20 ta' Mejju 2010, http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2010/june/tradoc_146270.pdf.

³³ COM (2010) 343 finali, 07.07.2010; http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2010/july/tradoc_146307.pdf

żżid il-kompetittività tal-UE u b'hekk tikkontribwixxi għall-oġġettivi ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużivi, kif stabbilit fl-Istrateġija Ewropa 2020. L-istrateġija kummerċjali riveduta tikkommetti wkoll lill-UE biex tindirizza l-bżonnijiet tal-investituri tal-UE barra l-UE, billi tinnegozja aċċess komprensiv għas-swieq u dispożizzjonijiet ta' protezzjoni tal-investment mal-imsieħba kummerċjali prinċipali, l-aktar urġenti mal-Indja, il-Kanada u Singapor, fejn in-negozjati kummerċjali huma diġà avvanzati sew. L-UE se tikkunsidra wkoll il-ftehimiet ta' investment awtonomi ma' sħab kummerċjali ewlenin oħra bħaċ-Ċina u r-Russja.

Minbarra din l-aġenda tan-negozjati sostanzjali ħafna u li qed tevolvi, l-eżistenza ta' ostakoli speċifiċi għall-investment se jeħtieġu impenn każ b'każ fl-livell politiku għoli sabiex jiġi żgurat li ma jkunx hemm diskriminazzjoni kontra l-investituri Ewropej.

3.6. Kwistjonijiet regolatorji – Regolamenti u standards tekniċi (Barrieri Tekniċi għall-Kummerċ u Kwistjonijiet Sanitarji u Fitosanitarji)

Ir-regolamenti u l-istandards tekniċi relatati mal-ostakoli jispikkaw fil-listi tat-tħassib dwar l-aċċess għas-swieq ta' ħafna esportaturi tal-UE. L-eżempji msemmija fit-taqsima 2 jinkludu problemi fis-settur tat-teknoloġija tal-informatika fiċ-Ċina u l-Indja jew tal-apparat mediku fil-Ġappun. Tali ostakoli jista' jkollhom impatt ekonomiku importanti għall-manifatturi għaliex, għall-inqas, jeħtieġu l-aġġustament tal-prodotti u l-faċilitajiet tal-produzzjoni biex jikkonformaw mar-rekwiżiti differenti. Kif il-kumpaniji tal-UE dejjem iżjed isiru parti mill-ktajjen tal-provvista globali, id-differenzi fir-regolamenti u l-istandards iżidu l-ispejjeż tal-parteeipazzjoni fl-ekonomija globali u jnaqqsu l-kompetittività tal-kumpaniji lokali fis-suq globali.

Fir-rigward tal-kwistjonijiet regolatorji msemmija fir-rigward taċ-Ċina, l-Indja, il-Ġappun u r-Russja aktar kmieni f'dan ir-rapport, dawn jistgħu potenzjalment jaffettwaw l-esportazzjonijiet tal-UE b'valur ta' madwar EUR 13,7 biljun fl-2009. L-ostakoli regolatorji huma wkoll ostakoli sinifikanti għall-kummerċ transatlantiku. Dawn ivarjaw fost diversi setturi, bħall-karozzi, fejn l-istandards tas-sigurtà Amerikani għandhom 42 standard li l-fabbrikanti tal-karozzi u t-tagħmir mibjugħin fl-Amerika jridu jikkonformaw magħhom u li jvarjaw mill-istandards internazzjonali jew it-tessuti b'rekwiżiti estensivi previsti mill-Att dwar it-Titjib fis-Sigurtà tal-Prodotti tal-Konsumatur.

Ċerti ostakoli regolatorji huma sempliċement minħabba d-differenzi fl-approċċ regolatorju. Dawn id-differenzi jistgħu jkunu perfettament leġittimi u sempliċement jirriflettu evoluzzjonijiet storiċi fl-approċċi regolatorji, differenzi fil-livelli tad-dħul, preferenzi tal-konsumatur u perċezzjonijiet tar-riskji. Madankollu, f'ħafna każijiet, id-differenzi – bħal rekwiżiti ta' ttestjar doppju u ħtiġijiet ta' dokumentazzjoni eċċessivi - jintużaw f'mod iżjed sistematiku bil-għan li jiffavorixxu jew jiproteġu l-produzzjoni domestika. Filwaqt li dan tal-aħħar jeħtieġ reazzjoni b'saħħitha, iffukata u assertiva mill-UE, dak ta' qabel jeħtieġ jiġi indirizzat permezz ta' kooperazzjoni u djalogu iżjed sistematiku u fit-tul, li jtejjeb b'mod partikolari t-trasparenza u l-prevedibilità tar-reġimi regolatorji.

L-eżempju tal-miżuri Ċiniżi fis-settur tal-informazzjoni u tat-teknoloġija msemmija fit-taqsima 2 juri l-problemi assoċjati mal-istandards regolatorji. Fid-definizzjoni tat-tħassib dwar is-sigurtà, il-miżuri Ċiniżi jmorru lil hinn sew mill-prattika komuni f'pajjiżi oħra u l-

istandards internazzjonali rilevanti³⁴. Il-bżonn ta' konformità ma' standards Ċiniżi żviluppati lokalment jimponi spejjeż konsiderevoli fuq il-kumpaniji Ewropej. Filwaqt li l-intervenzjonijiet ta' livell għoli wasslu għal ċertu aġġustamenti fil-politika Ċiniża, il-problema bażika ta' nuqqas ta' rikonossiment ta' standards internazzjonali tibqa'. L-UE tikkomunika mal-awtoritajiet Ċiniżi permezz ta' numru ta' djalogi regolatorji bil-għan li tikkonvinċihom jużaw standards internazzjonali u timpenja aktar liċ-Ċina fl-organizzazzjonijiet internazzjonali għall-istandardizzazzjoni. Huwa ovvjw li r-riskji huma importanti ħafna u li diskussjonijiet ta' livell għoli regolari, inkluż fid-Djalogu Ekonomiku u Kummerċjali ta' Livell Għoli iżda wkoll fis-Summits, se jkunu meħtieġa biex jinkiseb progress tanġibbli.

Bħal ma jsir normalment fi kwistjonijiet regolatorji, l-azzjoni preventiva qabel ma jiġi adottati l-miżuri hija ferm iktar promettenti milli t-tentattivi li jitneħħew il-miżuri li diġà għaddew mill-proċess leġislativ. Dan irid jiġi inkluż fl-istrateġija tal-UE biex jintlaħqu l-kwistjonijiet regolatorji.

Bl-istess mod, l-użu ta' ostakoli għall-kummerċ fil-forma ta' regoli dwar is-sigurtà fl-ikel, is-saħħa tal-annimali u tal-pjanti, kif muri mill-ostakoli importanti deskritti fit-taqsima 2 għar-Russja u l-Indja żdied b'mod konsiderevoli matul l-aħħar snin, u b'hekk ħoloq problemi serji għall-esportaturi tal-UE. L-eżempji Russi u Indjani juru li l-gvernijiet ħafna drabi jmorri lil hinn minn dak li hu meħtieġ għall-protezzjoni tas-saħħa tal-konsumaturi tagħhom u l-użu ta' restrizzjonijiet SPS biex jipproteġu l-produtturi domestiċi tal-prodotti agrikoli mill-kompetizzjoni ġusta. Minħabba li l-ostakoli tariffarji għall-prodotti agrikoli se jitnaqqsu progressivament matul is-snin li ġejjin, ir-riskju li tali problemi jsiru aktar estensivi fil-futur huwa reali.

3.7. Ostakoli relatati mad-dwana

Kif muri fit-taqsima 2 mill-miżuri doganali Russi u s-sistema ta' liċenzjar tal-importazzjoni tal-Arġentina, l-ostakoli doganali tradizzjonali għadhom jeżistu flimkien ma' forom ġodda ta' miżuri aktar sofistikati. Il-miżuri fiż-żewġ pajjiżi qajmu dejjem iżjed tħassib għall-esportaturi Ewropej mill-bidu tal-kriżi finanzjarja u ekonomika fl-2008. Analiżi dettaljata tal-implimentazzjoni tal-miżuri turi tendenza konsistenti ta' nuqqas ta' trasparenza, diskriminazzjoni amministrattiva fil-forma ta' proċeduri peżanti u ħafna drabi interpretazzjoni arbitrarja ta' regoli eżistenti, pereżempju fuq il-valutazzjoni doganali.

L-UE aġixxiet b'mod vigoruż fuq tali miżuri, b'mod partikolari fejn hemm raġunijiet tajbin biex temmen li l-miżuri mhumex kompatibbli mal-WTO, bħal fil-każ tas-sistema ta' liċenzjar tal-importazzjoni tal-Arġentina. Madankollu, fil-każ tal-aħħar, anki azzjoni konċertata fil-WTO ma' msieħba oħra affettwati fl-istess mod mill-miżuri ma tat l-ebda riżultat sinifikanti. Għalhekk irid jitqies jekk mezzi oħra, bħal proċeduri formali għar-riżoluzzjoni tat-tilwim tal-WTO jew interventzjoni aktar politika, humiex ġustifikati.

³⁴ L-istandard rilevanti għandu jkun ISO/IEC 15408 li hu kumplementat bi Ftehim dwar ir-Rikonossiment tal-Kriterji Komuni biex jirregola r-rikonossiment reċiproku taċ-ċertifikati tas-sigurtà tal-IT.

4. IT-TRIQ GĦALL-ĠEJJENI: KIF JISTGĦU L-OSTAKOLI GĦALL-AĊĊESS GĦAS-SUQ IMPORTANTI JIĠU INDIRIZZAT B'MOD AKTAR EFFIĊJENTI?

Għalkemm l-impatt ekonomiku eżatt tal-ostakoli msemija f'dan ir-rapport ma jistax jiġi kwantifikat fid-dettall, il-valur tal-esportazzjonijiet Ewropej potenzjalment affettwati minn tali miżuri jvarja minn EUR 96 sa 130 biljun (9 sa 12 % tal-esportazzjonijiet totali tal-UE fl-2009) u dak tal-importazzjonijiet tal-UE tal-materji primi huwa ta' madwar EUR 6 biljun³⁵. Dawn l-istimi ta' "kummerċ potenzjalment affettwat" ma għandhomx jiġu interpretati bħala indikazzjoni ta' "kummerċ mitluf" mill-UE. Il-kummerċ mitluf huwa impliċitament biss frazzjoni tal-"kummerċ affettwat" u għandu jkun ferm iżjed baxx, iżda – minħabba l-informazzjoni disponibbli u n-natura kumplessa tal-ostakoli għall-kummerċ – ma jistax jiġi kwantifikat b'mod preċiż³⁶. Il-figuri madankollu jagħtu idea tal-volumi tal-kummerċ potenzjalment affettwati mill-miżuri varji. Is-soluzzjoni ta' dawn l-ostakoli b'hekk se jkollha impatt sinifikanti fuq l-esportazzjonijiet tal-UE u se tipprovdi aċċess addizzjonali għal swieq tal-akkwist tal-gvern importanti. Minbarra l-gwadanji ekonomiċi li jistgħu jiġu derivati mill-aġenda ta' negozjar tal-UE, din se tkun kontribuzzjoni importanti ħafna għad-dimensjoni esterna tal-oġettivi ta' Ewropa 2020 ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv.

Madankollu, biex jinkisbu dawn il-gwadanji, huwa imperattiv li l-atturi kollha involuti - notevolment il-Kummissjoni, bħala rappreżentanta tal-UE fi kwistjonijiet kummerċjali, assistita mid-delegazzjonijiet tal-UE, issa integrati fis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna minn naħa waħda, u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri min-naħa l-oħra – jimpenjaw ruħhom proattivament. Dak li hu meħtieġ huma sforzi konġunti fil-livelli kollha biex jingħataw messaġġi konċertati lill-imsieħba strateġiċi tagħna li jenfasizzaw l-importanza tar-relazzjoni bilaterali tagħna biex jissolvew l-ostakoli elenkati f'dan ir-rapport. Li nitkellmu bħala leħen wieħed huwa kruċjali f'dan ir-rigward. Jekk l-UE tista' taġixxi f'mod konċertat u determinat, bl-iskjerament tal-aspetti differenti tal-għodod tar-relazzjonijiet esterni tagħna f'mod kalibrat, is-sħab strateġiċi tagħna se jkunu jistgħu jindirizzaw it-tfassib tagħna f'mod iżjed kostruttiv.

F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew fis-sessjonijiet tiegħu ta' Settembru u Diċembru 2010 stabbilixxa l-bżonn li jiġi definit l-interess tal-UE fir-rigward tal-imsieħba strateġiċi tagħna. Din ħtieġet li r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà /Viċi-President tal-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u l-Kunsill tal-

³⁵ Dan in-numru jkopri biss ir-restrizzjonijiet tal-esportazzjoni fuq l-importazzjonijiet agrikoli u tal-materji primi industrijali li jammontaw għal terz tal-importazzjonijiet totali tal-UE tal-materji primi (11 % tal-importazzjonijiet totali tal-UE). Iż-żewġ terzi l-oħra tal-importazzjonijiet tal-UE tal-materji primi jikkonċernaw il-materji primi tal-enerġija (23 % tal-importazzjonijiet totali tal-UE). Filwaqt li l-istatistika dettaljata dwar ir-restrizzjonijiet tal-esportazzjoni fuq il-materji primi tal-enerġija għadhom qed jiġu kumpilati, huwa ċar li tali restrizzjonijiet jipprevalu f'numru ta' pajjiżi ewlenin li jipproduċu l-enerġija. Eżempju sinifikanti f'dan ir-rigward hija r-Russja fejn hemm dazju tal-esportazzjoni ta' 30 % fuq il-gass li jaffettwa €13,1 biljun tal-importazzjonijiet tal-gass tal-UE (28 % tal-importazzjonijiet totali tal-UE ta' gass).

³⁶ Dawn l-istimi bbażati fuq flussi tal-kummerċ eżistenzi huma affettwati wkoll minn fatturi oħra li għandhom tendenza li jissottovalutaw il-valur reali tal-"kummerċ potenzjalment affettwat". Pereżempju, aktar ma jkun kbir l-ostakolu għall-kummerċ konċernat aktar ikunu baxxi l-flussi tal-kummerċ "affettwati" osservati. Fl-estrem, fil-każ ta' projbizzjoni fuq l-esportazzjoni jew l-importazzjoni, ma jkunx hemm kummerċ osservat u dak ma jipprovdi effett għall-metriċi tal-"kummerċ potenzjalment affettwat", filwaqt li fir-realtà l-impatt ekonomiku ta' tali ostakolu huwa sinifikanti ħafna. Din il-miżura tista' għalhekk tagħti iżjed piż lil ostakoli aktar baxxi u tissottovaluta l-importanza ta' ostakoli iżjed stretti.

Affarijiet Barranin, *"jistabbilixxi interessi komuni Ewropej u jidentifika l-ingranaġġ kollu possibbli biex jinkisbu"*. Dan ir-rapport taħt l-aġenda ta' infurzar tal-politika kummerċjali riveduta tal-UE jista' jitqies bħala kontribuzzjoni għal dak il-mandat. L-ostakoli elenkati f'dan ir-rapport u l-analiżi orizzontali li takkompanjah jikkostitwixxu għażla ta' kwistjonijiet ta' aċċess għas-swieq li għandhom jiġu indirizzati mal-imsieħba strateġiċi tal-UE bħala kwistjoni ta' prijorità.

Numru ta' fora ta' livell għoli speċifiċi diġà jeżistu ma' wħud mill-imsieħba strateġiċi tal-UE, bħall-Kunsill Ekonomiku Transatlantiku mal-Amerika, id-Djalogu Ekonomiku u Kummerċjali ta' Livell Għoli maċ-Ċina jew il-Grupp ta' Livell Għoli mal-Ġappun. L-aċċess għas-swieq u notevolment l-ostakoli regolatorji għandhom rwol importanti f'dawn il-fora. Madankollu, sabiex l-interessi tal-UE jiġu segwiti b'mod vigoruż, l-UE se jkollha tkun lesta wkoll, fejn xieraq, tqajjem l-ostakoli għall-aċċess għas-swieq fis-Summits u laqgħat oħra tal-ogħla livell.

Ovvjament, l-interessi offensivi u difensivi huma marbuta u r-reċiproċità u l-benefiċċji reċiproċi huma kunċetti importanti fir-relazzjonijiet internazzjonali u l-politika kummerċjali b'mod partikolari. Għalhekk, wieħed irid jara jekk tistax tinkiseb influwenza bil-konnessjoni tat-tħassib tal-UE dwar l-ostakoli għall-aċċess għas-swieq fis-swieq tal-imsieħba strateġiċi tagħha mal-interessi rispettivi tagħhom fiż-żieda fl-aċċess għas-suq tal-UE. F'dan ir-rigward, għall-akkwist tal-gvern, kif stabbilit fit-taqsimha 3 ta' dan ir-rapport, se tiġi proposta inizjattiva speċifika. Fl-oqsma l-oħra kollha, is-sett ta' strumenti eżistenti jeħtieġ jintuża għall-potenzjal sħiħ tiegħu sabiex l-imsieħba tal-UE jiġu konvinti jqabblu l-isforzi għall-ftuħ ma' tagħha.

Id-Delegazzjonijiet tal-UE se jkollhom rwol importanti fl-insegwiment tal-interessi tal-aċċess għas-swieq Ewropej. Id-Delegazzjonijiet huma l-antenni tagħna għall-analiżi tas-sitwazzjoni fis-sistemi domestiċi tal-imsieħba strateġiċi tagħna, inklużi l-interessi ekonomiċi u politiċi u l-prattiki politiċi industrijali. Se jkun importanti li nużaw dawn l-antenni sabiex l-interventi politiċi ta' livell għoli fuq l-ostakoli għall-aċċess għas-swieq ikunu preparati sew u bbażati fuq l-informazzjoni kollha disponibbli politika u ekonomika u segwiti kif xieraq u fil-ħin opportun fuq il-post.

Dan ir-rapport jistabbilixxi aġenda ambizzjuża. L-oġettiv tiegħu huwa li jgħolli u jikkalibra l-livell tal-intervenzjoni tal-UE fuq tħassib speċifiku dwar ostakoli għall-aċċess għas-swieq tal-imsieħba strateġiċi tagħna. Azzjoni konċertata fl-ogħla livell politiku tista' tagħmel id-differenza għall-benefiċċju tal-interessi tal-esportazzjoni u tal-investiment tal-kumpaniji Ewropej u, fl-aħħar, tat-tkabbir u x-xogħol fl-Ewropa. Il-Kummissjoni se tissorvelja regolarment il-progress fuq din l-aġenda, u se tirrapporta fuq bażi annwali lill-Kunsill Ewropew.